MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Numru 1158/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa**
**v**

**JOHN PAUL AGIUS**
**RITA AGIUS nee BONELLO**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **JOHN PAUL AGIUS** ta' tmienja w ghoxrin sena bin Paul u Mary nee Borg, imwieled Pieta nhar l-erbgha ta' Lulju 1978 u residenti 20, Triq San Klement, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita numru 3196780M u **RITA AGIUS nee BONELLO** ta' erbgha w ghoxrin sena bint Anthony u Carmen nee Sammut, imwielda Pieta nhar t-tlieta ta' Ottubru 1982 u residenti 20, Triq San Klement, Zejtun, detentrici tal-karta tal-identita numru 546882M gew imressqa quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'diversi granet matul x-xahar ta' Awissu 2006, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni

wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex titwemmen l-esiztenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' elfejn mitejn w ghoxrin lira maltin u disgha w hamsin centezmu bi hsara ta' haddiehor.

Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanza, iffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra li meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern.

Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlu usu minn cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra falsifikati illi meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna tal-oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern.

Talli fl-istess perjodu, olk u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoi jew b'tibdil fl-skrittura jew fil-firem billi holau pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi, jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti li dawk l-atti jew skritturi kellu jkollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom hwejjeg jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew

barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex jbieghuhom jew imexxuhom.

**Lil John Paul Agius wahdu** talli fl-erbatax ta' Awissu 2006 mill-fond 27, Triq Beland, Zejtun, ikkommetta serq ta' cheque book tal-HSBC Bank konsistenti minn diversi cekkijiet mahruga f'isem Miriam Fenech Russell ghad-dannu ta' haddiehor liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna.

Semghet lil imputat John Paul Agius jirregistra ammissjoni ghal akkuzi kollha ghajr dik ta' ricettazzjoni [6], b'dan li l-akkuzi numru tnejn [2], tlieta [3], erbgha [4], hamsa [5], u sebgha [7] huma mezz ai fini tal-ewwel [1] akkuza b'mod li huwa applikabbli fil-konfront taghhom l-artikolu 17(h).

Semghet lil l-prosekuzzjoni tiddikjara li fil-konfront ta' John Paul Agius, l-akkuza ta' ricettazzjoni nghatat b'mod alternattiv ghal akkuza ta' serq u konsegwentement qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-istess akkuza.

Semghet lil imputata Rita Agius tirregistra ammissjoni ghal akkuzi kollha ghajr dik ta' ricettazzjoni [6], b'dan li l-akkuzi numru tnejn[2], tlieta [3], erbgha [4], hamsa [5], u sitta [6] huma kolpiti taht dak dispost fl-artikolu 17(h).

Semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li l-oggetti mixtrija mill-imputati gew rikoperati u rikoverati wara li gew uzati mill-imputati ghajr ghal oggetti mixtrija minghand PC Options Limited – cekk numru 698 fl-ammont ta' sebgha w hamsin lira u erbghin centezmu [LM57.40], l-oggetti mixtrija minghand VSC Limited – cekk numru 699 fl-ammont ta' sebgha w erbghin lira u tmenin centezmu [LM47.80], Hard disc mixtrija minghand MEK Computers – cekk numru 704 fl-ammont ta' disgha w tletin lira u hamsa w disghin centezmu [LM39.95] w ghalhekk l-ammont globali mhux rifuz huwa ta' mija hamsa w erbghin lira u hamsin centezmu [LM145.50].

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza dwar il-piena fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin ta’ Novembru 2006, u jirrimettu ruhhom ghall-atti.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti m’ghandhiex taghti l-istess piena liz-zewg imputati ghalkemm huma gew akkuzati fil-maggor parti bl-istess akkuzi u dan ghaliex principalment l-imputata Rita Agius nee Bonello ghandha fedina penali netta w ghalhekk ghandha tigi trattata daqs li kieku kienet *a first time offender*, filwaqt li l-imputat John Paul Agius diga nstab hati mill-Qorti fi tlett okkazzjonijiet principalment fuq akkuzi ta’ serq u falsifikazzjoni fost l-ohrajn meta nghata *uncondition discharge* u multa, pero ma tghallimx minn dawn l-opportunitajiet moghtija lilu u jinsab quddiem l-Qorti bl-akkuzi odjerni. Jigi rilevat li pero huwa ma giex akkuzt bir-reat ta’ recidiva.

In oltre, l-imputat John Paul Agius huwa wkoll akkuzat bir-reat serq filwaqt li Rita Agius nee Bonello m’ghandhiex tali akkuza fil-konfront taghha.

**Ghalhekk il-Qorti,** wara li rat l-artkoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 18, 183, 184, 188, 308, 309, 310 u 334 tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 18, 261(d) u 281(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li qed ssib lil imputat JOHN PAUL AGIUS hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu salv u b’eccezzjoni dik ta’ ricettazzjoni, mill-liema akkuza qed tastjeni li tiehu konjizzjoni ulterjuri, u tiddeciedi li tikkundannah, ghal akkuzi li sabitu hati taghhom, ghal piena karcerarja ta’ sentejn [2] sospizi ghal erbgha [4] snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan ghaliex l-imputat irregola ruhu waqt l-andament ta’ dawn il-proceduri u d-danni llum pendenti huma biss fl-ammont ta’ mija hamsa w erbghin lira maltin u hamsin centezmu, skond dak verbalizzat mill-Ufficjal Prosekutur u ai termini tal-artikolu 28H(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-imputat ghandu jhallas dan l-istess ammont lil vittmi fi zmien xahrejn [2] mill-lum.**

**Fil-konfront tal-imputata RITA AGIUS nee BONELLO fuq ammissjoni taghha stess, il-Qorti ssibha hatja tal-akkuzi kollha, salv u b'eccezzjoni ta' ricettazzjoni u tiddeciedi li tpoggiha taht ordni ta' probation ghal perjodu massimu permess mill-ligi u cioe dak ta' tlett [3] snin ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta taht s-segwenti kundizzjonijiet:**

**1. L-imputata probationer RITA AGIUS nee BONELLO ghandha, matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett [3] snin, iggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser tigi nominata mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal thoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi l-imputata probationer RITA AGIUS nee BONELLO ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominata skond d-direttivi li din taghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment, hija ghandha, jekk l-istess Probation Officer tkun trid hekk, tircievi zjarat min ghandha fid-dar fejn qed tirrisjedi;**

**3. Illi l-imputata probationer RITA AGIUS nee BONELLO ghandha tghix fir-residenza taghha tul l-perjodu kollu ta' tlett [3] snin u tkun tista tbiddel tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**

**4. Illi l-imputata probationer RITA AGIUS nee BONELLO ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominata kull sitt [6] xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputata probationer.**
**Dwar l-akkuza ta' ricettazzjoni fil-konfront ta' Rita Agius nee Bonello, il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda**

**prova w ghalhekk tiddikjara li ma ssibihiex hatja u tilliberaha minn din l-akkuza.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil imputata u x'jigri jekk tonqos li tosservaha u l-imputata minn naha taghha ddikjarat li fehmet ben tajjeb.**

**Il-Qorti wkoll tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan u tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tinghata lil imputata probationer Rita Agius nee Bonello.**

Finalment il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------